Body of European Regulators for Electronic Communications

BEREC OFFICE

Sejħa għal espressjoni ta' interess

Kap ta' Tim tat

(Aġent Temporanju - Grad AD6)

Ref. BEREC/2017/08

Huma mistiedna applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' lista ta' riserva għall-kariga ta' Kap ta' Tim tat tal-BEREC.

Tip ta' kuntratt	Aġent Temporanju
Grupp ta' funzjoni u grad	AD 6
Durata tal-kuntratt	3 snin (bil-possibilità li jiġi estiż)
L-għadd massimu ta' kandidati li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' riserva	6
Post tal-impjieg	Riga, il-Latvja
Direttorat Ġenerali Sieħeb	DĠ CONNECT - Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija
Data ta' skadenza għall-applikazzjoni	~~06.02.2018.~~, **15.03.2018. f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Riga**

L-Uffiċċju tal-BEREC

L-Uffiċċju tal-BEREC ġie stabbilit sabiex jipprovdi appoġġ amministrattiv u professjonali lill-BEREC, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. L-Uffiċċju tal-BEREC jinsab f'Riga, il-Latvja.

L-Uffiċċju tal-BEREC huwa korp tal-Unjoni Ewropea (UE) ġestit minn Maniġer Amministrattiv taħt is-sorveljanza ta' Kumitat ta' Tmexxija magħmul mill-kapijiet tat-28 awtorità regolatorja nazzjonali (ARNs) tal-UE responsabbli mill-monitoraġġ tas-swieq tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea.

L-Uffiċċju tal-BEREC huwa responsabbli, b'mod partikolari,mill-ġbir ta' informazzjoni mill-ARNs u mill-iskambju u mill-komunikazzjoni ta' informazzjoni relatata mar-rwol u mal-kompiti tal-BEREC, mit-tixrid tal-aħjar prattiki regolatorji fost l-ARNs, jassisti lill-President tal-Bord tar-Regolaturi tal-BEREC fit-tħejjija tal-ħidma tiegħu/tagħha, u għat-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma ta' esperti u jipprovdilhom l-appoġġ.

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għal aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-UE għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg japplikaw għall-persunal tal-Uffiċċju.

BEREC Office is an agency of the EU

Għal iktar informazzjoni jekk jogħġbok, żur is-sit web tal-BEREC: www.berec.europa.eu.

Il-kariga

Il-Kap ta' Tim se jikkoordina l-iżvilupp ta' politiki fil-qasam ta' pariri legali, akkwist, protezzjoni tad-data, aċċess għal dokumenti u finanzi, u se jiżgura applikazzjoni xierqa u ekwa tal-politiki u tal-proċeduri tal-Uffiċċju BEREC f'dawn l-oqsma.

Id-detentur tal-kariga huwa mistenni b’mod partikolari li:

- jikkoordina t-tħejjija ta' dokumenti li jaqgħu taħt il-kompetenza tat-Tim għall-maniġment intermedju u superjuri, il-Kumitat ta' Tmexxija jew il-Kummissjoni;
- jikkoordina l-iżvilupp ta' politiki, manwali u l-aħjar prattiki fil-qasam tal-akkwist, tal-protezzjoni tad-data, l-aċċess għal dokumenti, il-finanzi u kwistjonijiet legali oħrajn;
- jikkoordina t-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali u pluriennali tal-Aġenzija fil-qasam tar-responsabbiltà, il-monitoraġġ tal-kisbiet tal-objettivi tagħha u l-iżgurar ta' rapporti f'waqthom u affidabbli tal-kisbiet ewlenin mill-persunal;
- jikkoordina awditi esterni u interni.

− jindirizza l-kwistjonijiet legali kollha fi ħdan l-Uffiċċju tal-BEREC billi jipprovdi pariri legali dwar kwistjonijiet kuntrattwali, finanzjarji u istituzzjonali u kwistjonijiet relatati mal-persunal;

− jistabbilixxi, ikompli jsegwi u jaġġorna l-kuntratti tal-Uffiċċju tal-BEREC (kuntratti ta' akkwist, ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, arranġamenti amministrattivi ma' Stati Membri tal-UE u/jew awtoritajiet regolatorji nazzjonali), jipprovdi superviżjoni legali tal-ġestjoni ta' kuntratti u ta' akkwist u jistabbilixxi l-proċeduri kollha neċessarji;

− jiżgura l-koordinazzjoni tat-talbiet ta' aċċess għad-dokumenti;

− jiżgura l-implimentazzjoni ta' u l-konformità mal-prinċipji legali li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali pprovduta mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

− jikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' rapporti u pjanijiet kif ukoll manwali għall-maniġment u l-persunal rigward kwistjonijiet legali u proċedurali;

− jipprepara tweġibiet għal talbiet dwar interpretazzjonijiet legali u analiżi u pariri legali fi ħdan l-Uffiċċju tal-BEREC;

− isegwi t-tilwim;

− jissorvelja l-iżviluppi legali rilevanti fl-UE;

− jagħti pariri dwar l-implikazzjonijiet legali ta' azzjonijiet li jista' jieħu l-BEREC/l-Uffiċċju tal-BEREC;

− ikollu rwol fiċ-ċirkwit finanzjarju tal-Uffiċċju tal-BEREC fil-livell xieraq.

Jistgħu jiġu assenjati dmirijiet oħrajn kif xieraq.

L-Uffiċjal Legali u tal-Akkwist huwa mistenni jaħdem fl-Uffiċċju tal-BEREC f'Riga, il-Latvja.

Kriterji ta’ eliġibbiltà

Il-kandidati jkunu eliġibbli għal din il-proċedura tal-għażla jekk jissodisfaw il-kriterji formali li ġejjin fiż-żmien tal-iskadenza tal-applikazzjoni:

1. Ikunu ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini[1];
2. Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet applikabbli rigward is-servizz militari
3. Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-dmirijiet relatati ma’ din il-kariga[2];
4. Jipproduċi r-riferenzi xierqa dwar il-karattru dwar l-adegwatezza għat-twettiq tad-dmirijiet;
5. Lingwi: Għarfien profond ta’ waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta’ lingwa oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta’ dmirijietu/ha;
6. Kwalifiki u esperjenza ta' xogħol: livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' tal-anqas 3 snin attestati b'diploma[3] , segwit minn tal-anqas 3 snin ta' esperjenza professjonali rilevanti direttament marbuta mad-dmirijiet ikkonċernati.

Il-kriterji tal-għażla

L-Uffiċjal Legali u tal-Akkwist jintgħażel abbażi tal-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- Grad universitarju f'qasam rilevanti għall-kariga (pereż. studji legali).
- Esperjenza rilevanti f'oqsma relatati mill-qrib mal-kompiti deskritti hawn fuq taħt it-taqsima "il-kariga".
- Esperjenza f'ambjent internazzjonali/multikulturali b'interazzjoni ma' firxa wiesgħa ħafna ta' partijiet ikkonċernati.
- Għarfien, akkwistat bl-esperjenza personali jew studji fl-oqsma tal-akkwist, il-protezzjoni tad-data, l-aċċess għad-dokumenti, eċċ.

Dawn li ġejjin ikunu ta’ vantaġġ:

- Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tal-UE, jew regoli simili f'organizzazzjoni internazzjonali.
- Studji addizzjonali fl-ekonomija jew fil-finanzi;
- Esperjenza fl-immaniġġjar tal-persunal.

---

[1] Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula jintalbu jipprovdu ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti li jiddikjara l-assenza ta’ kwalunkwe rekord kriminali.

[2] Qabel ma' membru tal-persunal temporanju jiġi impjegat, għandu jiġi eżaminat medikament minn wieħed mill-uffiċjali mediċi tal-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tkun sodisfatta li huwa/hija j/tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea.

[3] Se jiġu kkunsidrati biss iċ-ċertifikati u d-diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta’ ċertifikati ta’ ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri. Fit-tieni każ imsemmi, l-AACC tirriserva d-dritt li titlob prova ta’ tali ekwivalenza.

Il-ħiliet u l-kompetenzi li ġejjin rilevanti għall-kariga jistgħu jiġu ttestjati waqt l-intervista u t-test bil-miktub:

- Kmand eċċellenti tal-lingwa Ingliża[4].
- Sens ta' responsabilità u inizjattiva eċċellenti.
- Il-kapaċità li j/taħdem f'ambjent multikulturali;
- Ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub (b'attenzjoni fost affarijiet oħra għall-eżattezza u għall-istruttura loġika tal-komunikazzjoni bil-miktub);
- Il-kapaċità li j/taħdem sew f'tim fil-livell xieraq.
- Ħiliet analitiċi sodi u kapaċità li j/ssib soluzzjoni xierqa għal kwistjonijiet legali kumplessi.
- Kapaċità ta' diskrezzjoni eċċellenti biex j/tittratta kwistjonijiet kunfidenzjali.
- Għarfien tajjeb ħafna tal-liġi tal-UE u tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE.
- Ħiliet organizzazzjonali eċċellenti, kapaċità li j/tiġġestixxi u/jew j/tikkoordina diversi kompiti u proċessi fl-istess ħin bi skadenzi stretti.

Stadji fil-proċedura tal-għażla

L-Uffiċċju tal-BEREC jistabbilixxi Kumitat tal-Għażla maħtur mill-AACC biex iwettaq il-proċedura tal-għażla. Dan il-Kumitat janalizza l-applikazzjonijiet kollha u jidentifika għadd ta' kandidati bl-aħjar profil fir-rigward tal-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq. Dawn il-kandidati jiġu mistiedna għal test bil-miktub u intervista mal-Kumitat tal-Għażla.

A. Ammissjoni għall-proċedura tal-għażla

Wara l-iskadenza għall-applikazzjonijiet, l-applikazzjonijiet sottomessi jiġu ċċekkjati skont il-kriterji ta' eliġibbiltà. Imbagħad jiġu vvalutati biss l-applikazzjonijiet eliġibbli skont il-kriterji tal-għażla.

B. Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet eliġibbli

Il-Kumitat tal-Għażla janalizza l-ittri ta' motivazzjoni, flimkien mal-formoli ta' applikazzjoni u s-CVs tal-applikanti eliġibbli b'referenza għall-kriterji tal-għażla. Abbażi tar-rekwiżiti tal-karigi ssir valutazzjoni ġenerali tal-kwalità u tal-adegwatezza ta' kull applikazzjoni eliġibbli.

C. Intervista u test bil-miktub

Meta titlesta l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet eliġibbli, il-Kumitat tal-Għażla jistieden il-kandidati l-aktar xierqa għal test bil-miktub u intervista (tul: (30 minuta, lingwa prinċipali tal-intervista: l-Ingliż) biex jivvaluta l-kompetenzi speċifiċi meħtieġa għall-kariga u l-kompetenzi ġenerali meħtieġa għall-persunal temporanju tal-UE. L-għadd massimu totali ta' kandidati li ser jiġu mistiedna għal intervista u test bil-miktub ser ikun 12.

Il-kandidati huma ġentilment mistiedna biex fl-applikazzjoni tagħhom jindikaw kwalunkwe arranġament speċjali li jista' jkun meħtieġ jekk jiġu mistiedna biex jattendu għal test bil-miktub u intervista.

Il-Kumitat tal-Għażla jivvaluta lill-kandidati mistiedna għat-test bil-miktub u għall-intervista skont l-elementi deskritti fit-taqsima "Il-kriterji tal-għażla".

It-test bil-miktub ikun bl-Ingliż; ikun relatat mal-impjieg u mfassal sabiex jittestja l-ħila tal-kandidati li jikkomunikaw bl-Ingliż miktub, u l-għarfien u l-kompetenzi tagħhom relatati mal-

[4] Kif stabbilit fid-Deċiżjoni MC/2016/02 tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Uffiċċju tal-BEREC, il-lingwa ta' ħidma tal-Uffiċċju tal-BEREC hija l-Ingliż.

impjieg. Punteġġ massimu għat-test bil-miktub: 30. Punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi: 20.

L-intervista għandha l-għan li tivvaluta l-idoneità tal-kandidati li jwettqu d-dmirijiet rikjesti, u l-għarfien professjonali u l-motivazzjoni tagħhom. L-intervista ssir bl-Ingliż. Kandidati li l-lingwa materna tagħhom hija l-Ingliż jiġu ttestjati f'lingwa uffiċjali oħra tal-UE biex ikun hemm kontroll doppju li l-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu ġew issodisfati (jiġifieri għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE). Punteġġ massimu għall-intervista: 70. Punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi: 50.

Il-kontenut tat-test bil-miktub u tal-mistoqsijiet li jsiru waqt l-intervisti jiġi stabbilit f'konformità mal-livell u mal-profil tal-pożizzjoni reklamata.

Il-Kumitat tal-Għażla jipproponi massimu ta' sitt kandidati li jkunu kisbu l-ogħla punteġġi kkombinati mill-intervista u t-test bil-miktub sabiex jitpoġġew fuq il-lista ta' riserva.

1. Il-lista ta' riserva u offerta(i) possibbli ta' impjieg(i)

Il-Kumitat tal-Għażla jipproponi lill-Kumitat ta' Tmexxija biex ipoġġi fuq lista ta' riserva massimu ta' sitt[5] kandidati magħżulin. Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jħejji lista ta' riserva ta' kandidati magħżulin, li tkun valida sa 12-il xahar mid-data meta tiġi stabbilita. L-Awtorità tal-Ħatra tista' testendi l-validità tagħha. Il-lista ta' riserva tiġi stabbilita f'ordni alfabetiku u l-inklużjoni fil-lista ta' riserva ma tiggarantixxix id-dritt għal impjieg fl-Uffiċċju tal-BEREC. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ ikun soġġett għad-disponibbiltà baġitarja.

Meta jinħoloq post vakanti għal Uffiċjal Legali u tal-Akkwist jew ikun hemm il-bżonn ta' kopertura, jista' jiġi offrut impjieg lil kandidat adatt mil-lista ta' riserva[6].

2. Verifika ta' dokumenti u skrutinju

L-applikazzjoni tal-kandidat magħżul tiġi vverifikata mad-dokumenti ta' sostenn sabiex jiġu kkonfermati l-eżattezza u l-eliġibbiltà tagħha.

Jekk, f'xi stadju tal-proċedura, jiġi skopert li l-informazzjoni mogħtija f'applikazzjoni tkun ġiet iffalsifikata konxjament, il-kandidat jiġi skwalifikat mill-proċess tal-għażla.

Il-kandidati jiġu skwalifikati wkoll jekk:

- ma jissodisfawx il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà;
- ma jipprovdux id-dokumenti kollha ta' sostenn meħtieġa.

3. Kundizzjonijiet tal-impjieg

L-Uffiċjal Legali u tal-Akkwist jinħatar mill-Awtorità tal-Ħatra bħala aġent temporanju fil-grad AD6 skont l-Artikolu 2f tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej għal perjodu ta' tliet snin. L-Awtorità tal-Ħatra tista' ġġedded il-kuntratt darba biss

[5] Fejn għadd ta' kandidati jġibu l-istess punteġġ għall-aħħar post disponibbli, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista mqassra.

[6] Is-CVs tal-kandidati fuq il-lista ta' riserva jiġu vvalutati skont ir-rekwiżiti tal-post vakanti. Tista' tiġi organizzata t-tieni intervista.

għal perjodu fiss ieħor. Tiġdid ieħor ikun għal perjodu indefinit. Il-perjodu tal-ingaġġ fi kwalunkwe każ ma jkunx jeċċedi t-tul tal-ħajja tal-Uffiċċju tal-BEREC[7].

Proċedura ta' applikazzjoni

Sabiex l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu validi, il-kandidati jridu jippreżentaw:

1. Ittra ta' akkumpanjament li tiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-applikazzjoni;
2. Curriculum Vitae (CV), idealment abbozzat permezz tal-format tas-CV tal-Europass[8]
3. Il-formola ta' applikazzjoni fl-anness.

L-applikanti huma espliċitament mitluba jenfasizzaw u jagħtu rendikont qasir tal-esperjenza u tal-kompetenza tagħhom rilevanti għall-impjieg u d-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-kuntratti ta' impjieg. Minbarra d-durata tal-istudji, l-applikanti huma mistiedna jindikaw it-tul legali tad-diplomi tagħhom. L-applikazzjonijiet ma jiġux aċċettati jekk id-dossier ma jkunx komplut jew jekk jiġi sottomess wara l-iskadenza.

Id-dokumenti ta' sostenn (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, referenzi, prova tal-esperjenza, eċċ.) ma jenħtieġx li jintbagħtu għalissa iżda jridu jiġu ppreżentati iktar tard fil-proċedura jekk jintalbu.

L-applikazzjonijiet, preferibbilment bl-Ingliż, jenħtieġ li jintbagħtu biss ***b'email*** lil:

recruitment@berec.europa.eu

Ir-referenza (BEREC/2017/08 Team Leader) għandha tkun dejjem indikata fil-linja tas-suġġett tal-emails.

Il-kandidati huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe tibdil fl-indirizz bil-miktub mingħajr dewmien fl-indirizz ta' hawn fuq.

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bl-email. L-iskadenza hija **~~06.02.2018.,~~ 15.03.2018. f'12:00 (nofsinhar) ħin ta' Riga** (11:00 a.m. Ħin tal-Ewropa Ċentrali). L-Uffiċċju tal-BEREC jirrakkomanda bil-qawwa lill-kandidati li ma jistennewx sal-aħħar ftit jiem qabel l-iskadenza sabiex japplikaw, minħabba li konġestjoni kbira fuq l-internet jew diffikultajiet fil-konnessjoni jistgħu jwasslu għal problemi. Hija r-responsabbiltà unika ta' kull applikant/a li j/tissottometti l-applikazzjoni kompluta tiegħu/tagħha sal-iskadenza. Kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni pprovduta wara l-iskadenza ma tiġix ikkunsidrata.

Skeda ta' żmien approssimattiva

Il-proċess tal-għażla jista' jieħu diversi xhur; tiġi rilaxxata informazzjoni fi tmiem kull stadju.

---

[7] Għal kull informazzjoni dwar salarji, tnaqqis u gratifiki, jekk jogħġbok ikkonsulta r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea: OJ 45, 14.6.1962, p. 1385, http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20160910&qid=1481821297779&from=EN. Fil-każ tal-Latvja, qed jiġi applikat koeffiċjent ta' korrezzjoni għas-salarji. Fil-ħin tal-pubblikazzjoni ta' dan il-post vakanti l-koeffiċjent ta' korrezzjoni huwa ta' 74.9%.

[8] Is-CV tal-Europass jista' jitniżżel mis-sit web http://europass.cedefop.europa.eu/htm/index.htm

Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

L-Uffiċjal Legali u tal-Akkwist jiġi mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li sejjer jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha. Il-kandidati jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

Informazzjoni oħra importanti

Il-kandidati huma mfakkra li l-ħidma tal-Kumitat tal-Għażla u tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Uffiċċju tal-BEREC hija kunfidenzjali. L-applikanti ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett ma' membri ta' dawn il-kumitati u dan lanqas ma jista' jsir f'isimhom minn xi ħaddieħor. Kwalunkwe ksur ta' din ir-regola jwassal għal skwalifika mill-proċedura tal-għażla.

Opportunitajiet indaqs

L-Uffiċċju tal-BEREC iħaddem politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal.

Protezzjoni tad-data personali

L-Uffiċċju tal-BEREC jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[9].

Talbiet għal informazzjoni u proċeduri tal-appell

Applikanti li jkunu jixtiequ aktar informazzjoni, jew li jqisu li għandhom raġuni għal ilment rigward deċiżjoni partikolari, jistgħu, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-għażla, jibagħtu email b'talba għal aktar informazzjoni lil recruitment@berec.europa.eu.

Kandidati li jħossu li sar żball fir-rigward tal-eliġibbiltà jistgħu jitolbu li l-applikazzjoni tagħhom tiġi kkunsidrata mill-ġdid billi jibagħtu talba għal rieżami fi żmien 20 ġurnata kalendarja mid-data tal-email li biha ġew notifikati dwar l-eżitu, u jikkwotaw ir-referenza tal-proċedura tal-għażla, lill-President tal-Kumitat tal-Għażla fl-indirizz li ġej:

BEREC Office
Human Resources
Z. A. Meierovica Bulv. 14, 2nd Floor
Riga, LV-1050
IL-LATVJA

Il-Kumitat tal-Għażla jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni u jinforma lill-kandidati bid-deċiżjoni tiegħu fi żmien 45 ġurnata kalendarja minn meta jkun irċieva l-ittra.

Jekk kandidat iqis li ġie affettwat b'mod negattiv minn deċiżjoni partikolari, jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej, fl-indirizz ta' hawn fuq.

---

[9] (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 - ĠU L 008, 12/01/2001, p. 0001-0022.

L-ilment irid jitressaq fi żmien tliet xhur. Il-limitu ta' żmien sabiex tinbeda din it-tip ta' proċedura jibda minn meta l-kandidat jiġi informat bl-att li affettwah b'mod negattiv.

Il-kandidati jistgħu jressqu appell ġudizzjarju skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej quddiem:

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
L-2925 Luxembourg

Id-dettalji ta' kif jitressaq appell jistgħu jinstabu fis-sit web tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea.

http://curia.europa.eu/en/instit/txtdocfr/index_tfp.htm

Huwa possibbli wkoll li jitressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman, ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 113 tal-4 ta' Mejju 1994:

L-Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex
Franza
http://www.ombudsman.europa.eu

Jekk jogħġbok, innota li l-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman ma għandhom l-ebda effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-preżentazzjoni, rispettivament, ta' lment jew ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Jekk jogħġbok innota wkoll li, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman, kwalunkwe lment imressaq quddiem l-Ombudsman irid ikun ippreċedut mill-approċċi amministrattivi xierqa lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati. Għalhekk, qabel ma jikkuntattjaw lill-Ombudsman, il-kandidati jridu jkunu ssottomettew ilment/appell fl-Uffiċċju tal-BEREC u rċevew tweġiba negattiva mill-Uffiċċju tal-BEREC.